MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru 1313/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Kevin Tanti**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kevin Tanti**, bin Anthony u Lilian *nee'* Sawyer, imwieled il-Pieta' fid-9 ta' Novembru 1975, residenti 21, Telghet Birkirkara San Giljan udetentur tal-karta tal-identita' numru 56275M;

Talli fid-9 ta' Novembru 2009 ghall-habta tal-4:30am, fi Triq il-Kappella San Gwann u/jew fil-vicinanzi;

1. Soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAF 546 ta' ghamla Toyota, b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi traskuragni jew 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament hbatt ma' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA 462 tal-hamla Land Rover u BBQ 086 tal-ghamla Toyota, u ma vettura b'numru ta' registrazzjoni BAC 504 tal-ghamla Morris ghad-dannu ta' Alexander Hauser, Justin Joe Bajada u Kevin Aquilina rispettivament;

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew jkollha ebda licenja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

3. talli fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel, bil-hsieb li taghmel qliegh b'qerq li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u seba' u tletin centezmu (E 2.329.37) ghad-dannu ta' Citadel Insurance Plc u wrejt il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt, li ma sehx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek;
4. talli fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel bi hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq iddistrugejt, xerridt 'l hawn u 'l hemm jew gharraqt b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghek;
5. talli fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-granet ta' qabel sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor xi dokument mahsub minn xi awtorita' pubblika xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz;
6. talli rrendejt ruhek recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) datata 15 t'April 1999, liema sentenza saret definitiva;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kax kontra tieghu ikun

trattat u deciz bil-procedura sommarja ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief ghal ik dwar sewqan perikoluz li kienet iritrata mill-prosekuzzjoni;

Rat l-artikoli 15(1) (a) u (2) Kap 65, 328, 295, 188, 41, 49 sa 51 tal-Kap 9

Dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjni l-fatt illi l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-imputat jinghata liberazzjoni kondizzjonata kif ukoll li l-impuat ikkpera mal-pulizija oltre li rregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri;

Ghalhekk minflok li tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija, qed tilliberah bl-kondiszzjoni li ma jaghmilx rejat iehor punibbli bi prigunerija u da sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta oltre li tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------